**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONI ABELA LL.D.**

**Rikors numru 1044/23TA**

**TSG Interactive Gaming Europle Ltd**

**vs**

**Miomir Marinkovic noe**

**Il-Qorti;**

Rat ir-risposta ta' Miomor Marinkovic li permezz tagħha fost oħrajn qiegħed jitlob li l-Imħallef sedenti jiġi rikużat ai termini tal-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu partikolari jiddisponi li l-Imħallef jista' jiġi rikużat '*jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha*.'

Bħala raġuni r-rikorrent qiegħed iressaq il-fatt li r-rikors ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv odjern huwa kważi identiku għal oħrajn fl-istess ismijiet li kienu preżentati fid-19 ta' Ġunju 2023 li ġew miċħuda minn din il-Qorti kif presjeduta b'digriet tat-18 ta' Lulju 2023. Tgħid ukoll, li kien sar rikors f'dak il-mandat sabiex il-Qorti kif presjeduta tirrikonsidra dak id-digriet u ssostni li dan ir-rikors ġie wkoll miċħud fuq kwistjonijiet ta'

sustanza. Li għalhekk permezz ta' dak id-digriet, din il-Qorti kif presjeduta pronunzjat ruħha b'mod definittiv u finali fuq is-sustanza, ossia l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet u li allura aġixxiet ultra vires kontra l-liġi suprema Ewropeja li tapplika b'mod dirett fl-istati membri tal-Unjoni Ewropeja.

Għall-aħjar intendiment ta' dak li ser jingħad f'dan il-provediment, din il-Qorti tħoss li għandha qabel xejn titraċċja l-avvenimenti li waslu għaċ-ċaħda tal-mandat.

1. L-intimata nomine f'dawk il-proċeduri talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru f'għadd imdaqqas ta' mandati fost oħrajn kontra s-Soċjeta' rikorrenti f'dawn il-proċeduri. Bis-saħħa ta' dan il-mandat esekuttiv, ir-rikorrenti msemmija kienet qed titlob li tesegwixxi kontra s-Soċjeta' rikorrenti, kreditu kannonizzat minn Qorti Awstrijaka. Dan kienet qiegħda tagħmlu bis-saħħa tar-regolament UE1215/2012.

2. Is-Soċjeta' rikorrenti hija Soċjeta' tal-logħob online liċenzjata taħt il-Liġijiet ta' Malta.

3. Meta din il-Qorti kif presjeduta kkunsidrat it-talba li kienet qed issirilha, ma setgħetx tinjora l-emendi riċentement introdotti permezz ta' żieda ta' Artikolu 56A tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

"*Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' kull liġi oħra, bħala prinċipju ta' ordni pubblika:(a) l-ebda azzjoni ma tista' tinġieb fil-konfront ta' detentur ta' liċenzja u, jew uffiċjali u, jew persuni rilevanti, preżenti jew passati, ta' detentur ta' liċenzja fir-rigward ta' materji relatati mal-provvista ta' servizz tal-logħob, jew fil-konfront ta' ġugatur għax irċieva tali servizz tal-logħob, jekk dik l-azzjoni:*

> *(i) tikkonfliġġi ma', jew timmina, il-legalità tal-provvista ta' servizzi tal-logħob ġewwa jew minn Malta permezz ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità, jew il-legalità ta' kwalunkwe obbligu legali jew naturali li jirriżulta mill-provvista ta' tali servizzital-logħob; u*
>
> *(ii) tirrigwarda attività awtorizzata li hija leġittima fit-termini tal-Att u strumenti regolatorji oħra; u*
>
> *(iii) il-Qorti għandha tirrifjuta r-rikonoxximent u, jew l-infurzar ġewwa Malta ta' kwalunkwe sentenza u, jew deċiżjoni barranija mogħtija fir-*

*rigward  ta' azzjoni tat-tip imsemmi fis-subartikolu (a).*"

4. Għalhekk din il-Qorti, rinfaċċjata b'dan it-tibdil fil-liġi ħasset li kellha tapplika dan l-artikolu u ċaħdet it-talbiet tal-persuni fuq imsemmija permezz ta' numru ta' digrieti rispettivament digrieti datati 19 ta' Lulju 2023, 18 ta' Lulju 2023, 19 ta' Lulu 2023, 19 ta' Lulju 2023, 19 ta' Lulju 2023 u 19 ta' Lulju 2023. Dan kien l-ewwel digriet, li ma kien fiħ ebda motivazzjonijiet ħlief li wara li rat dak l-artikolu ċaħdet.

5. Il-persuni rappreżentati minn Dr. Sarah Sultana intavolaw kollha kemm huma rikors, fejn talbu lil din il-Qorti kif presjeduta tirrikonsidra d-digrieti tagħha fuq imsemmija u prinċipalment abbażi tal-fatt, li r-regolament fuq imsemmi kellu jiġi applikat stante li r-reġim legali tal-Unjoni Ewropeja huwa suprem għal dik tal-Istat Malti. Haġa li qed tkun sostenuta għal darba ohra mill-intimata anke f'dawn il-proċeduri.

6. Fid-dawl tar-rikors imsemmi, din il-Qorti tat digriet fil-każ ta' kull wieħed mill-persuni fejn spjegat fid-digriet ċahda u għalhekk ikkonfermat id-digriet oriġinali tagħha. Il-Qorti setgħet faċilment tiddisponi mit-tieni rikors billi tiddikjara li kien għal kollox irritu u null għaliex ir-revoka ta' digriet ta' ċaħda ta' mandat  issir bi proċedura għal kollox differenti minn dik utilizzata minn Dr. Sarah Sultana nomine. Imma l-Qorti ħasset li propju għas-sodisfazzjon tal-istess rikorrenti u stante l-aspett innovattiv tal-każ, kien jixraq li tagħti spjega. Issa din il-Qorti tfakkar, li l-element ta' supremazija tal-liġijiet kienet l-istess Dr. Sarah Sultana li daħlitu fir-rikors għar-revoka ossia rikonsiderazzjoni, biex għalhekk din il-Qorti ħasset li kellha tindirizzaħ.   Il-Qorti ħasset li dawk il-persuni kif rappreżentati mill-imsemmija avukat, kienu ntitolati u jistħoqqilhom spjega motivata għala din il-Qorti ċaħdet dak ir-rikors provokat kif kien dan il-punt mill-istess Dr. Sarah Sultana nomine. Meta jiġri hekk *"Il-partijiet f'proċeduri għandhom dritt li jkunu infurmati bir-raġunijiet li jkunu wasslu lill-Qorti sabiex tiddeċiedi. Hekk biss issir ġustizzja li tidher"* (ara **Qorti Kostituzzjonali fis-Sentenza tagħha mogħtija fit-28 ta' Frar 2020 referibbli għal referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Lotino Borg Ritchel vs Edward Borg et**).

Issa f'dawn il-proċeduri l-intimata nomine qiegħda anke tikkonfondi mertu ma' iehor, meta tgħid, li permezz ta' dak id-digriet, din il-Qorti ppronunzjat ruħha fuq il-mertu li għandha llum bejn il-partijiet. Il-Qorti tfakkar li l-mertu li ghandha quddiemha llum huwa ghal kollox diffrenti minn dak li kien jirrigwarda l-hrug ra' mandat ta' sekqistru esekuttiv. Di fatti l-proceduri tal-lum qed isiru fuq inizzjattiva tas-Socjta' Mr Green mentri l-procedura lohra saret fuq inizzjattiva tal-gugaturi u fuq kwistjoni ghalkollox diferenti minn dik li ghandha quddiemha l-Qorti llum. Dawk il-

proceduri kienu ta’ natura kawtelaorja mentri dawn tal-lum huma fuq il-mertu fih innifsu fid-dawl ta’ dak li jipprovdi ir-regolament,

Il-Professur Phun iwissi li “*the law of judicial recusal contributes to the quality of the justice system but at the same time can be manipulated by a party to a litigation who is disappointed by the outcome and who is seeking an opportunity to have another bite at the cherry.*” (**Hoong Phun, Dekan tal-Fakulta’ tal-Liġi fl-Universita` ta’ Auckland u mħallef fil-Qorti tal-Appell fi New Zealand, ikkwotat fil-ktieb Judicial Recusal: Principles, Process and Problems ta’ Grant Hammond, 2009**).

L-intimata nomine qed tibbaża l-ilment tagħha fuq artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li jiddisponi għar-rikuża ta’ *Imhallef jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x’taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha”* (Emfazi tar-rikorrenti). Il-Qorti tifhem, li skont ir-rikorrenti, ġialadarba din il-Qorti tat dawk in-numru ta’ digrieti fi proċeduri ta’ persuni oħrajn u fi proċeduri differenti għal kollox minn dawk li għandha quddiemha llum, allura jista’ jagħti l-każ, li din il-Qorti tieħu l-istess posizzjoni. Ergo dak li qalet hemm għandu x’jaqsam mal-proċeduri tal-lum jew li dawn jiddependu minnha.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dak li qed tghid ir-rikorrenti għaliex ir-referenza tal-liġi hija għall-istess Kawza li qed tkun tiġi trattata bejn l-istess partijiet u fl-istess proċedura u mhux f’kawżi oħrajn li jista’ għandhom konsiderazzjonijiet legali li huma l-istess jew simili. Li kieku ma kienx hekk, allura l-Ġudikanti kollha ta’ dawn il-Qrati jistgħu xi ħin jew ieħor jiġu rikużati kull darba li jiġu biex jiddeċiedu kawżi somiljanti jew bl-istess import ta’ Kawzi diġa’ deċiżi minnhom. Li kieku kellna nabbraccaw din l-interpretazzjoni jkollna riċetta li twassal għal paraliżi totali ta’ dawn il-Qrati.

Apparti dan, hija ħaġa tiddekreta mandat u ħaġa oħra tiddeċiedi kawża. Dak li għandha quddiemha llum din il-Qorti hija proċedura li mhux bil-fors tista’ twassal għal riżultat simili għal dak id-digriet li qed tilmenta minnu l-intimata. Di fatti ġie wkoll ritenut illi “id-*digriet li biħ tiġi akkolta talba għal ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni “zgur mhux definittiv, għax ma hemmx il-kontroversja bejn il-partijiet, u lanqas rabat lill-ġudikant; iżda lanqas ma jista’ jiġi kunsidrat bħala interlokutorju. U tabilħaqq, lanqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju; iżda jifforma parti biss mill-atti tal-mandat relattiv u mhux mill-atti tal-kawża, u eżawrixxa ruħu bil-ħruġ tal-mandat.”* Dawn l-istess prinċipji huma applikabbli wkoll għal meta l-

mandat jiġi miċħud (Ara **Sentenzi fl-ismijiet Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi Qorti ta' l-Appell deċiża fl-10 ta' Awissu 1953 Vol. XXXVII(C)-I-519; ara wkoll fl-istess sens Anthony Sammut -vs- Paolo Sammut et Qorti ta' l-Appell deċiża fit-18 ta' Frar 1963 Vol. XLVII(B)-I-110**).

Jiġifieri, anke li kieku huwa mod ieħor, meta tasal il-Kawża propja, ma hemm xejn xi jżomm lill-intimata nomine milli tikkonvinċi lil din il-Qorti tirrevedi l-posizzjoni tagħha. Anke fil-proċedura odjerna kważi kważi trid li jsir dan, għaliex jekk ma tridx, wara li tgħid li d-digriet li tat din il-Qorti huwa monk u null, bil-pulit qed tistieden lil din il-Qorti kif presjeduta, biex f'dawn il-proċeduri tagħmel 'retro marcia' u anke tibla' kliemha fir-rigward ta' digriet li ma għandu x'jaqsam xejn ma' dawn il-proċeduri.(ara para 5 tar-risposta). Issa jekk dak id-digriet skond l-intimata huwa null u monk taf x'kellha tagħmel u ma jidhirx pero' li għamlitu.

L-intimata anke taghti x'jifhem li kellu jkun l-Imħallef li min jheddu jastjeni. Kull ġudikant jimxi skond il-kuxjenza tiegħu u l-kuxjenza tal-Imħallef sedenti tgħidlu, li m'għandux għalfejn jastjeni tenut kont tal-proċedura li għandu quddiemu. Hu kwantu għall-azjoma ta' "*Justice must not only be done but must be seen to be done",* dak li jkun irid dejjem iżomm dan it-tagħlim fil-kuntest tiegħu, bħal fost oħrajn li l-ġustizzja ma tiġix *a' la carte*. Illi huwa minnu li "*justice must not only be done, it must also be seen to be done*" u dan minħabba l-ħtieġa li l-pubbliku jkollu kunfidenza fil-Qorti. B'danakollu, t-test tajjeb huwa dak tal-*fair minded and informed observer* u mhux tas-sentiment popolari. Anzi jkun imparzjali dak l-imħallef li jbaxxi rasu għal din it-tip ta' pressjoni: "*For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial"* (Ara **Van Jijk, Van Hoof, Van Run, Zwaak, Theory and Practice of the European Convention of Human Rights 5th ed. 2017, paġna 602**).

*Kif mgħallem li "filwaqt li jrid jitħares il-prinċipju li l-ħaqq irid isir u jidher li qiegħed isir (l-hekk imsejħa "imparzjalita' suġġettiva"), mhux kull suspett jew sensazzjoni ta' parti f'kawża dwar dak li tqis bħala okkażjoni ta' parzjalita' fil-ġudikant li quddiemha jkun tressaq il-każ tagħha għandha twassal biex tirnexxi t-talba għar-rikuża ta' dak il-ġudikant".* (Ara **Appell Kriminali tat-23 ta' Jannar 2001 fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Meinrad Calleja u Appell Kriminali tal-15 ta' Novenbru 2004 fil-**

**kawża Ir-Repubblika ta' Malta -vs- Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah**).

Kulħadd irid li Kawża tintrebaħ, imma ma tistax biex tidher li qed issir ġustizzja tintrebaħ bil-fors bħal ma mhux bil-fors tintilef.

Għaldaqstant l-Imħallef sedenti ser ikompli jisma' dawn il-proċeduri għaliex la jara li hemm lok għal rikuża u lanqas li jastjeni.

**Imħallef Toni Abela LL.D.**

**Illum 1 ta' Frar 2024**